**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 46**

**13 ta' Lulju 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-Ċentru Ċivku, tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech – Sindku
Maurizio Gauci – Vici sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Luke Vella – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**
Alfred Attard – Kunsillier
Karl Cutajar – Kunsillier
Jade England- Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier
Gilmor Borg – Kunsillier
Rosette Cassar - Kunsillier

**Assenti:**
Hadd

**46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

**46.1.1** Is-Sindku, is-Sa Desirei Grech, staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm ittri ta' apoloġija, fejn hija rrispondiet li rċeviet sitta: Tas-Sur Alfred Attard, tas-Sur Karl Cutajar, tas-Sur Stefano Sicari, tas-Sur Gilmour Borg , tas-Sa Rosette Gauci u tas-Sin Jade England.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**46.2.1** Is-Sindku Desirei Grech staqsiet jekk kienx hemm kummenti fuq il-minuti preċedenti nu 43 . Ma kien hemm l-ebda kumment dwar il minuti bejn dawk preżenti.

**46.2.2** Is-sur Maurizio Gaici ippropona u is-Sur Luke Vella issekonda l-minuti tal-laqgħa numru 43 bħala moqrija u korretti.

**46.3 Arisings mill-Minuti**

**46.3.1** Is-Sindku informat lil Dawk prezenti li ircivejna komunikazzjoni mingħand Tal BCRS fejn gejna infurmati li biex issir din ic-caqliqa hemm marbuta costs apparti permessi ġodda mill-PA. Supply ta dawl u platform fejn jitpoggew.
Is-Sindku irrimarkat li fil minuti precedenti ma hemx agremnts ma BCRS.

**46.3.2** Is-sur Kaylocke reġa' staqsa dwar xogħolijiet taħt il pont ta Santu Rokku fejn is-segretarj eżekuttiv wieġbet li meta ikkomunikat mal perit qalilha li fadal hafna xogħol xi jsir.

**46.3.3** Is-sur Antoine reġa semma it-tabella ta Fleur De Lys u min min tneħħit u is-sindku infurmat li diġa konna kellimna lil Avukat tal kunsill. Is segretarju eżekuttiv qalet li CCTV mhux attivi u qed isir eżercizzju sabiex dawk li ma humiex jahdmu jitneħħew. Is segretarju Eżekuttiv ser tkellem lil Dr Sladden biex isir rapport.

**46.4 Komunikazzjoni mis-sindku**

**46.4.1** Is-Sindku infurmat lil dawk preżenti li fl-aħħar ġimgħat ġiet sottomessa applikazzjoni għall-ġemellaġġ mal-belt ta' Calanġjanus f'Sardenja permezz ta' Focus Europe ETS – The Network of European Territories, bil-kollaborazzjoni ma' Ivana Legame. Malli nirċievu l-konferma tal-finanzjament sabiex il-ġemellaġġ ikun jista' jitwettaq, nibdew il-komunikazzjoni uffiċjali mas-Sindku tal-belt u l-preparamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett.

**46.4.2.** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li bi Preparamenti għall-Festa ta' Santa Liena Inżammet laqgħa mal-Pulizija u mar-rappreżentanti tal-Għaqdiet tal-Festa sabiex jiġu koordinati l-preparamenti għall-festa. Il Kunsill ukoll ser ikun qed jipprepara għal-ħasil u t-tindif tat-toroq; il-provvista ta' bins u l-ġbir tal-iskart; ambulanza matul il-ġimgħa tal-festa; il-ħruġ ta' permessi tal-armar għall-għaqdiet mingħajr ħlas; il-permessi tal-gabbani; it-tindif tal-latrini pubbliċi u l-provvista ta' mobile toilets; iż-żbir tas-siġar fejn meħtieġ; l-organizzazzjoni tal-attivitajiet għat-tfal u għall-anzjani, rinumerati l-postijiet kollha fuq il-mappa tal-gabbani, u titjib fuq il-kundizzjonijiet relatati mal-ħruġ tal-permessi. Hija qalet ukoll ser tibda issir l-attendenza .
Is-Sindku habbret ukoll ir-riċeviment tradizzjonali tal-awgurju tal-festa li ser isir nhar is-Sibt 18 ta' Lulju fl-10:00 a.m.

**46.4.3.** Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li Għaddejja wkoll komunikazzjoni mal-Public Works dwar programm ta' xogħlijiet fuq diversi bankini fil-lokalità. Prijotià ingħatat lil Misraħ San Alwiġi u Triq Santa Tereża; Toroq l-oħra bhall, Triq Bwieraq; Triq Domenico Cachia; Triq Francesco Buhagiar; Triq Ġanu; Triq il-Għabex; Triq F.S. Caruana; Triq Mro Giuseppe Camilleri. Ser isegwu. Ġejna infurmati wkoll li x-xogħlijiet fuq il-bankini fi Triq il-Wied huma ppjanati li jibdew wara li tintemm il-festa.

Is-sur Kayloke talab li meta ser issir triq il-wied importanti li ikun hemm rapprezentant tal kazin ta isfel sabiex it-toqob ta l-arbli jiġu immarkati.

**46.4.4** Is-Sindku informat lill-Kunsill li x-xogħol fuq parti minn Triq il-Qasab tlesta bil-konkos. Il-Kunsill talab spjegazzjoni lil Infrastructure Malta dwar għaliex intuża l-konkos minflok it-tarmac, u jekk hemmx il-ħsieb li jitkompla x-xogħol fuq il-kumplament tat-triq, peress li t-talba tal-Kunsill kienet tirreferi għat-triq kollha. Raġuni kienet li toroq dojoq isiru bil konkrit imma jekk hux ser jitkompla ix-xogħol ma kelna l-ebda tweġiba.

Il-Kunsill qed ikompli jagħmel pressjoni ma' Infrastructure Malta sabiex tingħata prijorità lit-toroq li jeħtieġu intervent, fosthom Triq Mannarino u toroq oħra inklużi fil-lista uffiċjali mibgħuta mill-Kunsill. S'issa għadu ma wasal l-ebda rispons.

Is-sur Antoine ilmenta li naħa tal Fleur De Lys hemm ħafna toroq imfarka. Is-sindku qaltlu li dan kollu xogħol tal Enemalta u WSC u ma tistax twaqqafhom.
Is-Sa Marie Claire reġgħat qajmet il kwistjoni ta trejqet Fleur De lys u traffic managment. Fejn ġie ccarat li dan ix-xogħol sar min TM

**46.4.5** Is-Sindku aġġornat lill-kunsilliera dwar il-loan li għadu qed jitħallas mill-Kunsill fir-rigward tax-xogħlijiet ta' restawr tal-Akwedotti. Ġie spjegat li, għalkemm ix-xogħlijiet kienu twettqu mill-Ministeru tat-Trasport, l-ispiża tagħhom ġiet iffinanzjata mill-Kunsill permezz ta' self, li għadu qed jitħallas sal-lum. Is-self kien jammonta għal madwar €55,000, u bħalissa fadal bilanċ ta' madwar €3,000.
Ġie nnutat li r-records fis-sistema Sage imorru lura sal-2010, għalkemm huwa mifhum li x-xogħlijiet saru diversi snin qabel. Il-Kunsilliera Marie Claire u Antonie kkonfermaw li, sa fejn jiftakru huma, dawn ix-xogħlijiet kienu saru meta s-Sur Michael Fenech Adami kien Sindku, madwar is-sena 2007.

**46.4.5**. Is-Sindku informat lil dawk preżenti dwar rapport li qed jitħejja fuq il-kundizzjoni tal-binja tal-Kunsill. Spjegat li fl-aħħar jiem ġiet innutata ħsara fir-rampa tad-daħla tal-parkeġġ. B'riżultat ta' dan, il-Perit tal-Kunsill qed iħejji rapport dwar il-kundizzjoni ġenerali tal-binja, kif ukoll rapport tekniku dwar il-gutter.
Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isiru xogħlijiet ta' emerġenza fuq il-gutter, li ġarrab ħsarat kawża ta' kuntratti antiki approvati minn kunsilli preċedenti, li jippermettu aċċess għal vetturi kummerċjali kbar fil-binja.
Ġie nnutat ukoll li hemm il-ħtieġa li jitwettqu xogħlijiet relatati mal-fire exit sabiex il-binja tikkonforma mar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà.
Is-Sur Kaylocke qa li ghandna nżommu lil xi hadd responsabbli ghall dawn id-danni.
Kien hemm Qbil bejn dawk Preżenti sabiex isir ix-xogħol b'emerġenza

**46.4.6.** Is-Sindku aġġornat lill-Kunsill dwar il-proġett tad-dawl tal-faċċata tal-Bażilika. Ġie spjegat li l-MTA infurmat lill-Kunsill li minflok trinka se jsiru toqob għall-installazzjoni tal-arbli tad-dawl madwar il-Knisja.
Is-Sindku żiedet li l-Kunsill talab kjarifika dwar is-sors tal-provvista tal-elettriku u l-pjan għall-installazzjoni tad-demarcation boxes, minħabba t-tħassib dwar l-impatt estetiku tagħhom u l-ostaklu li jistgħu joħolqu fuq il-bankina. Is-sindku qalet li id dawl allura jista jsir ukoll maz-zuntier flok il pilastri.

**46.4.7.** Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar il-Management Letter tal-awdituri għall-kontijiet tas-sena 2025. Ġie nnutat li r-rapport jikkonferma titjib sostanzjali fil-ġestjoni finanzjarja u l-kontrolli interni tal-Kunsill, filwaqt li jagħmel rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib f'ċerti oqsma amministrattivi.
Ġie enfasizzat ukoll li l-awdituri ma sabu l-ebda każ ta' frodi jew irregolaritajiet finanzjarji u rringrazzjaw lill-Kunsill, lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-istaff għall-koperazzjoni tagħhom matul il-proċess.

**46.4.9** Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-Għaqda tan-Nar talbet għajnuna finanzjarja sabiex tkopri parti mill-ispejjeż tal-assigurazzjoni relatati mal-Festa ta' Santa Liena.
Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, ġie maqbul li l-Kunsill jikkontribwixxi nofs l-ispiża tal-assigurazzjoni, kif isir kull sena.
Is-Sur Kaylocke qal li dejjem nofs ħallasna u ġe maqbul li niċċekjaw x'kien sar qabel.

**46.4.10** Is-Sindku informat lill-Kunsill dwar laqgħa li saret mal-Aġenzija għas-Servizzi Komunitarji u Terapewtiċi fi ħdan il-Foundation for Social Welfare Services. Ġiet diskussa inizjattiva ġdida biex jitwaqqaf focus group ta' residenti bil-għan li jissaħħu l-parteċipazzjoni tal-komunità u l-komunikazzjoni mal-Kunsill.
Ġie spjegat li fil-jiem li ġejjin il-Kunsill ser jirċievi l-materjal promozzjonali sabiex tibda titnieda l-inizjattiva u jiġu organizzati l-ewwel laqgħat mar-residenti.

**46.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Is-sindku qalet li kieket irċeviet mistoqsijiet minghand il kunsilliera Kaylocke u Marieclaire.

**Domandi Tas-Sa marie Claire.**

1. *F'diversi gonna il-kunsill kien wahhal cameras tas-sigurta'. Tista taghtina rendikont f'liema gonna jew postijiet pubblici hemm cameras imwahhla mill-kunsill, jekk dawn humiex jahdmu u jekk le, ghalfejn.*

Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li bħalissa qed ngħamlu eżerċizzju biex nara liema huma il kameras li huma attivi.

2. *Tista taghtina update fuq l-eghluq tal-grada li hemm ghall-basement tal-kunsill u meta ser tibda tinghalaq minhabba s-sigurta tal-binja u kull min jahdem fiha ?*

Għaddej eżeċizzju biex niġbru informazzjoni tan nies li jgħamlu uzu mill parkeġġi. Marie claire qalet li jeħtieġ tibda tingħalaq il-grada. Ġie maqbul ukoll li Nitolbu lis-security tal-Health department sabiex tibda t'għalaq il-grada wara 9.30pm

3. *Hemm xi skeda pjanata ta' meta ser jibdew jidnaddfu l-culverts tal-ilma tax-xita madwar Birkirkara ? Nigbed l-attenzjoni fuq culverts li hemm go sqaqin li xi kultant jigu minsijin.*

Culverts jibdew jitnaddfu wara il festa. Nibdew min dawk fin naħa ta barra u nidħlu aktar fil qalba wara il festa halli ma jitħamgux bil karti tal festa.

4. *Gibduli l-attenzjoni li fil-Wied Birkirkara, taht il-pont Massimo Colbe qed jidhlu l-karozzi u jarmu z-zibel. Jistghu jsiru bollards sabiex karozzi ma jkunux jistghu jidhlu ?*

Ma tistax tghalaq bil bollards ghax dan jintuża bħala parkeġġ mir residenti.

**Mistoqsijiet ta Kaylocke.**

1 Qed ikolli ħafna ilmenti fuq il-knies u il-kenniesa li f'diversi toroq f'akkwati differenti li mhux qed jikinsu jew għar minn hekk jagħddu u ma jikinsux.
Il-kunsill talab għal laqgħa sabiex jerġa jiġi disskuss l-operat u indirizzati dawn il-problemi. Il-kunsill qed iżomm il-pagament sakemm ningħatw data u niddiskutu dak kollu le qed idejjaqna. Is-sidku qalet ukoll li ser nghħatu ċans ġimgħa jekk ma jirrispondux ser inqabdu grupp privat u l-ispejjes ser jinqatgħu mil kont tal-Cleansing.
Sar qbil ukoll li contracts manager jiġri wara dawn il haddiema u jiċċekja li sar xogħol kif sippost.

2 Punt ieħor fuq il-kenniesa qed ninnota ħafna karetti blix-xkupi u pali marbutin ma arbli jew sigar. Għalfejn dawn qed jitħallew bara fit-toroq?
Ser inkellmu lis-supervisor sabiex ma jibqgħux iħalluhom hemm.

3.Dan il-kunsill kien infurmat li wara li issa spiccat is-sena skolastika
Triq il-wied il-parti tas-santwarju Santa Tereza kellu jibda ix-xoghol fuq it-triq u il-bankini. Nistaw nigu infurmati fiex wasal dan ix-xoghol?
Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni Min IM u il perit li kien qed imexxi dan il-proġett. L-aħħar komunikazzjoni kienet li kienu ser jinfurmawna huma.

4. Il-parkegg ta' wara is-Santwarju ta' Santa Tereza li jaghti ghal triq in-Naxxar huwa pubbliku u nihdu hsibu ahna jew huwa privat?.
Is-sindku qalet li kelmet li father tal paroċċa fejn qalila li il parti ta quddiem kienet tal knisja. Niccekjaw ma Lands department dwar din il parti tal parkeġġ.

5.Ghandna xi risposta jekk laqawx it-talba taghna biex isir urgenti triq Manarino?.
Diġa tkellimna le.

6.Fiex wasal ix-xoghol ta' zewg telephone boxes?
Dawn il telephone boxes inghalqu biex jiġu protetti . U qed nikkomunikaw mal Go ghax ghadhom tghaom ujridu li jghamlu lease agreement. Is-sindku ma tridx ghax dawn kienu għal żmien twil mitluqa.

**46.6 Rapporti- Rapporti ta ħidma kunsilliera.**

**46.6.1** Is-Sindku staqsiet lis-segretarju Ezekuttiv irciviets ir-Rapporti Amministrattivi u hi qalet li apparti tagħha irċievet 3 tas Sur Kaylocke tas-Sur Luke u Tas-Sin Jade.
Is-sinku qalet li fir-rigward tal-kunsilliera l-oħra, se jingħataw ċans sal-laqgħa li jmiss biex jissottomettu r-rapport tagħhom.
Wara dan, ir-rapporti kollha li jkunu ġew sottomessi jinqraw u jintbagħtu lid-Dipartiment sabiex jiġu inklużi mad-dokument tal-AGM ta' nofs is-sena. Dawk ir-rapporti li ma jkunux ġew sottomessi sa dak iż-żmien jiġu nnutati, u jista' jkun hemm ukoll xi tibdil fid-dekasteri fejn ikun meqjus meħtieġ.
Is-Sindku qalet li AGM ser issir nhar it tnejn 31 t'Awissu fis-6pm

**46.7 Amministrazzjoni**

**46.7.1** Ma Kelna Xejn

**46.8 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

**46.8.1** Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm domandi dwar l-iskedi tal pagamenti. Hadd ma kellu domandi

**46.8.1** Is -Sur Lukr approva u is-Sa MarieCliaire issekondat l-iskedat at pagamenti bħala korretti.

**46.8.3** Is is-Sur Maurizio approva u is-Sur Luke issekonda l-iskeda tal- petty cash bħala korretta

**46.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**46.9.1** Il-Laqgħa ġiet fi tmiem fis 6.50 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Data tal-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tlieta 4 t'Awissu 2026u laqgħa susegwenti tkun fil 11 t'Awissu 2026 Laqghat tal Vot fis 6pm. Is-Sa Rita qalet li fil 11 t'Awiisu ma setghatx tattendi iżda is-sindku qaltila li dawn id-dati ma jistgħux jinbidlu minħabba li jkun għalaq it-Term.

Iffirmati

Christine Jo Mansueto